**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 01/20**

**Data:** It-Tnejn, 20 ta' Jannar 2020

**Ħin:** 5:40pm

**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**

Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela- Kunsilliera (Mis-6.40pm)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier (Mis-6.00pm)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **01.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **01.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **01.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **01.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **01.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **01.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **01.07** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **01.08** | **Tenders;** |
| **01.09** | **Estimi Finanzjarji;** |
| **01.10** | ***Performance Bonuses*** |
| **01.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **01.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **01.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**01. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | | Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija | |

**01. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 15/19 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 01. 2. 1 | 15.02.15 | Fenech: Laqgħat ta' informazzjoni dwar saħħa | Fenech qalet li dawn is-sezzjonijiet ser jibqgħu għaddejjien | Fenech |
| 01. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 1 | 15.02.11 | Viċi-Sindku: Proġett f'Misraħ Karlu Diacono | Il-Viċi-Sindku staqsiet eżatt x'ser isir. Intqal li l-proġett għadu mhux finalizzat. Ġew ippreżentati kopja tal-pjanti kif huwa l-ħsieb li jsir il-proġett għalkemm għad m'hemm xejn finalizzat. Is-Sindku żiedet li talbet li ssir laqgħa mal-perit sabiex tkun tista' tiġi diskussa il-proposta li ressaq. Il-proġett ser ikun jissimbolizza s-siġra taż-żebbuġ sinonima ma' isem Beltna. Sar qbil mal-perit li jagħtina disinn ġdid sabiex jgħaddi għall-approvazzjoni. Ser issir laqgħa mal-Għaqda Banda Żejtun wara li dawn talbuha. | Sindku / Chircop |
| 01. | 2 | 2 | 15.02.01 | Baldacchino: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Baldacchino qal li l-laqgħa mal-Federazzjoni tal-Ħamiem ser issir fit-28 ta' Jannar fejn ser nitolbuhom ituna pariri kif il-ħamiem jista' jiġi kkontrollat. | Baldacchino |
| 01. | 2 | 3 | 15.02.02 | Chircop: (E.D.E.N.) Award | Chircop qall i nħareġ logo sabiex jibda jintuża matul din is-sena. Dan l-premju ingħata fuq il-bażi tas-sena 2018. Dan ser jingħata mill-Ministeru għat-Turiżmu u rridu naħdmu mal-Ministeru fuq dan l-award. | Chircop |
| 01. | 2 | 4 | 15.02.03 | Fenech: Pitch tal-Football | Fenech qalet li dan wasal fl-aħħar fażi fejn jonqos li jinġieb ir-ramel u jitpoġġa. | Fenech |
| 01. | 2 | 5 | 15.02.06 | Fenech: Mixja tal-President | Fenech qalet li ser inkomplu nieġbru l-applikazzjonijiet u din ser issir fis-26 ta' Jannar. | Fenech |
| 01. | 2 | 6 | 15.02.07 | Baldacchino: Vandaliżmu fi ġnien iż-żgħożija | Baldacchino staqsa dwar dan. Ser nitkellmu mal-M-Quip biex itina stima tal-apparat imkisser. Trid tinġibed l-attenzjoni wkoll sabiex ir-Red Stars iżommu l-akkwati nodfa u ssir iktar sorveljanza mill-pulizija. | Sindku |
| 01. | 2 | 7 | 15.02.08 | Caruana Ray: Tappieri fi Triq A. Cachia Zammit | Caruana Ray staqsa dwar ittiħditx azzjoni peress li dawn qed iħabbtu. Ser inkunu inkellmu lil TM dwar din il-problema. | Caruana Ray |
| 01. | 2 | 8 | 15.02.12 | Chircop: Kompetizzjoni tat-tiżjin tal-Milied | Chircop qal li din saret u r-rebbieħa huma kif ġej:<br>1) Tiżjin tat-tieqa:<br>- L-ewwel post: Richard Cutajar<br>- It-Tieni post: William Fardell<br>- It-Tielet post: John Axisa<br><br>2) Tiżjin ġenerali:<br>- L-ewwel post: Martin Bilocca<br>- It-tieni post: Tyron Xuereb<br>- It-tielet post: Joseph Camilleri | Chircop |
| 01. | 2 | 9 | 15.02.13 | Caruana Roderick: Kompetizzjoni | Caruana ppropona li ssir kompetizzjoni għall-isbaħ presepju/ Chircop qali li l-kompetizzjoni tat-tiżjin ġenerali diġa qed tinkludi l-prepsepji. | Chircop |
| 01. | 2 | 10 | 15.02.16 | Camilleri: Tan-nanna ħelu manna | Camilleri qalet li din saret u kien hemm nanna u neputija li klassifikaw fl-għaxar post. | Camilleri |
| 01. | 2 | 11 | 15.02.18 | Camilleri: Bibita Anzjani u Persuni b'Diżabilita' | Camilleri qalet li din saret u attendew residenti mill-Fondazzjoni Nazzareth u Mattew 25. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2 | 12 | 15.02.19 | Viċi-Sindku: Tan-nanna ħelu manna | Il-Viċi-Sindku qalet li ħadu sehem f'din l-attivita' flimkien mal-Kids Club u t-tfal flimkien man-nanniet ħadu pjaċir. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2 | 13 | 15.02.20 | Viċi-Sindku: Żjara f'Għawdex | Il-Viċi-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2 | 14 | 15.03.01 | Sindku: Tħawwil ta' siġra | Is-Sindku qalet li s-siġra taż-żebbuġ tħawwlet fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Sindku |
| 01. | 2 | 15 | 15.03.02 | Sindku: Attivita' għall-Istrina | Is-Sindku qalet li din kellha ssir ġewwa minħabba l-maltemp u għaliha attenda l-President ta' Malta. Qalet ukoll li bħala kunsill ħadna l-inizjattiva li flok rigali nġabbru flus għall-MCCF. Is-somma li nġabret kienet ta' €750 u minbarra donazzjonijiet mill-Kunsilliera u Staff kien hemm ukoll flus mill-*bake sale.* | Sindku |
| 01. | 2 | 16 | 15.06.01 | Viċi-Sindku: Party Kids Club | Il-Viċi-Sindku qalet li dan sar u t-tfal ħadu ħafna gost. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2 | 17 | 15.06.03 | Chircop: Trofew bandist tas-sena | Chircop qal li dan ingħata waqt il-Kunċert tal-Milied li sar fit-30 ta' Diċembru fil-knisja parrokjali fil-preżenza tal-President ta' Malta Dr George Vella u s-sinjura tiegħu, il-Ministru Owen Bonnici u l-Ministru Carmelo Abela. Fejn saret ukoll it-tifkira tal-għoti tat-titlu tal-Belt Beland. It-trofew ingħataw lil Louis Borg Falzon mill-Għaqda Mużikali Beland u Stacey Zammit mill-Għaqda Banda Żejtun. Qal ukoll li għamel appell sabiex fl-ewwel tas-sena jittellgħu il-bnadar taż-Żejtun. | Chircop |
| 01. | 2 | 18 | 15.06.04 | Fenech: Bake Sale | Fenech qalet li din saret u s-somma li nġabret kienet ta' €330. | Fenech |
| 01. | 2 | 19 | 15.09.01 | Sindku: Membri tal-Bord | Is-Sindku qalet li ntbagħtu l-ittri lill-membri l-ġodda magħżula fejn infurmajnihom li ser isir kuntatt minn naħa tal-kunsill sabiex issir l-ewwel laqgħa. | Sindku |
| 01. | 2 | 20 | | Sindku: Tiżjin tal-Milied | Is-Sindku qalet li t-tiżjin intlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti u ser nitkellmu mal-kuntrattur biex is-sena d-dieħla nżidu iktar. | Sindku |
| 01. | 2 | 21 | | Viċi-Sindku: Pantomima | Il-Viċi-Sindku qalet li ġiet ippreżentata s-somma ta' €1000 lill-Fondazzjoni Nazzareth. Qalet ukoll li nġiebu fondi mill-Arts Council ta' €1600 li mogħtija wara applikazzjoni mill-Fondazzjoni sabiex issewwew xi ħsarat fuq il-palk. | Viċi-Sindku |

**01 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/20. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 1 | | Sindku: *Dog Park* | Fenech qalet li saret applikazzjoni għall-fondi sabiex isir id-*dog park* u *neutering* pero dan ma ġiex aċċettat peress li ma kellniex id-devoluzzjoni tal-art. Sibna sors ieħor għad-*dog park* mingħand il-GreenPak u diġa ġie ordnat l-apparat. Ser isir fejn Ġnien iż-żgħożija. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 3 | 2 | | Sindku: Latrin f'Misraħ ir-Reppublika | Is-Sindku qalet li dawn wasslu fl-aħħar fażi tagħhom u tneħħa *mobile toilet.* Ix-Xogħol daqt ikun lest. | Sindku |
| 01 | 3 | 3 | | Sindku: Laqgħa Reġjun | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mar-Reġjun Qalet li nfetaħ Ċentru privat għall-Persuni li jbagħtu bid-*dementia* f' Raħal Ġdid biex imorru għal mistrieħ. Ser ikunu qed jagħtu sitt *vouchers* ta' erbgħa siegħat il-wieħed b'xejn lill-kunsilli. Irridu naraw lil min għandu bżonnhom sabiex jitqassmu. | Sindku |
| 01 | 3 | 4 | | Sindku: Posters | Is-Sindku qalet li wasal iż-żmien li l-format tal-poster għall-attivitajiet li jsiru għandu jkun l-istess għal kull poster li jinħareġ. | Sindku |
| 01 | 3 | 5 | | Sindku: *Sleeping police* | Is-Sindku qalet li aħna kkomunikajna mat-TM u l-proposta li tawna ma ntlaqatx tajba mill-familja Stabile. Ġie diskuss x'jista' jsir u ser nerġgħu inkellmu lil TM. | Sindku |
| 01 | 3 | 6 | 05 | AKL: Earth Hour | Bħala Kunsill ser inkunu qed nieħdu sehem billi jintefa d-dawl ta' akwata jew binja li trid tiġi idendifikata iktar tard. | Caruana Ray |
| 01 | 3 | 7 | 16 | Sindku: Sit tal-Kunsill | Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni sabiex is-sit jiġi aġġornat. Chircop ser jieħu ħsieb jara x'hemm bżonn li jsir. | Sindku / Chircop |
| 01 | 3 | 8 | | Sindku: Talba għal sponsor | Is-Sindku qalet li kellna talba minn *Shake Dancers* għall-sponsor, xi ħaġa li ma tistax issir mill-Kunsill. | Sindku |

**01. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4 | 1 | | | Dawn ġew diskussi fl-items l-oħra tal-aġenda. | |

**01. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 5 | 1 | | Viċi-Sindku: Skart fi Blokka f'Qasam ta' Ganza | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni għal iskart f'Qasam n-naħa ta' Ganza fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Ser nitkellmu mar-residenti sabiex dan jitneħħa għax hemm mod eċċessiv li ma nistgħux nieħduh bħala *bulky refuse* . | Sindku |
| 01. | 5 | 2 | | Fenech: Kiri tal-Ġnien l-Għannejja Żwieten | Fenech qalet li avviċinawha koppja sabiex jikru l-ġnien fit-30 ta' April 2020. | Fenech |
| 01. | 5 | 3 | | Baldacchino: Kaxxi tal-GO fi Triq Xrobb l-Għaġin | Baldacchino ġibed l-attenzjoni li l-kaxxi l-ġodda huma perikolużi. | Baldacchino |
| 01. | 5 | 4 | | Caruana Ray: *Zebra Crossing* fi Triq il-Labour | Caruana Ray qal li għandha ssir *zebra crossing* n-naħa ta' fuq tat-triq, n-naħa ta' Bir id-Deheb. Ser inkunu qed napplikaw ma' TM. | Sindku |
| 01. | 5 | 5 | | Caruana Ray: L-art f' Misraħ is-Suq | Caruana qal li hemm parti mill-art għandha bżonn tiswijiet. | |
| 01. | 5 | 6 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop irringrazzja f'isem il-Kunsill għall-approvazzjoni sabiex isir r-restawr meħtieġ. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 5 | 7 | | Chircop: Restawr tan-niċċa San Ġużepp | Chircop qal li x-xogħol wasal sabiex jitlesta. Hemm il-ħsieb li tiġi inawgurata fid-19 ta' Marzu. | Chircop |
| 1 | 5 | 8 | | Chircop: Wirja waqt l-Inawgurazzjoni tal-ktieb dwar Statwi u Niċeċ | Chircop qal li ser titella' wirja dwar in-niċeċ waqt l-inawgurazzjoni tal-Ktieb dwar statwi u niċeċ li ser jitniehda minn Wirt iż-Żejtun. | Chircop |
| 1 | 5 | 9 | | Chircop: Fondi għal Librerija | Chircop qali li l-€1015 ingħataw għal kwiżż game. Camilleri żiedet li ser isir *workshop* kif ukoll *workbook* li ser jitqassam lill-istudenti. | Chircop / Camilleri |
| 1 | 5 | 10 | | Chircop: Wesgħat Anġlu Zahra | Chircop qal li il-Kumitat għat-Tismija tat-toroq approva li l-wesgħa li tinsab fejn Tirq l-Isqof Emmanuel Galea tiġi msemmija Wesgħat Anġlu Zahra. | Chircop |
| 1 | 5 | 11 | | Chircop: *Sub domain* ġdid | Chircop issuġerixxa li għandu jsir domain (zejtun2020.com) fejn fih matul din is-sena jiġu promossi attivitajiet li ser jitellgħu mill-Kunsill u l-għaqdiet. Kien hemm qbil nem.com dwar dan. | Chircop |
| 1 | 5 | 12 | | Caruana Roderick: *Sleeping police* | Caruana Roderick għadda suġġeriment sabiex issir sleeping police fi Triq Salvu Cacciatolo għal Triq Toni Zahra. Ser niktbu lil TM dwar din it-talba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 1 | 5 | 13 | | Sindku: Siġar | Is-Sindku qalet li ġejna avviċinati minn *Infrastructure Malta* jekk irridux inħawwlu iktar siġar. | |
| **01.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 6. | 1 | | Viċi-Sindku: *Weekend Break* | Il-Viċi-Sindku qalet li dan ser isir fil-Hotel San Antonio bejn il-31 ta' Jannar u t-2 ta' Frar 2020. Il-prezz ser ikun ta' €80. | Viċi-Sindku |
| 01. | 6. | 2 | | Fenech: Sessjonijiet ta' promozzjoni tas-saħħa | Fenech qalet li nbeda blokk ieħor ta' sessjonijiet ta' Aerobics u Nuttrizzjoni | Fenech |
| 01. | 6. | 3 | | Fenech: Proġett KA205 Kunsilliera mill-Litwanja | Fenech qalet li ġiet avviċinata sabiex naraw aħniex interessati li nkunu *partner.* Dan huwa proġett tal-*Erasmus* bit-titlu Career *Mentoring As a Method For Enabling Disadvantaged Youths To Get a Job.* Ser jiġi iktar 'il quddiem dwar xiex jikkonsisti. | Fenech |
| 01. | 6. | 4 | | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qalet li ser jinfetħu l-applikkazzjonijiet sabiex jingħata t-titlu ta' Ġieh iż-Żejtun lill-persuna li tiġi magħżula. | Chircop |
| 01. | 6. | 5 | | Chircop: Kompetizzjoni Konkors Letterarju | Chircop qal li għal sena oħra ser issir kompetizzjoni għal aqwa Poeżija, Kitba bid-djalett, kitba b'Malti Standard kif ukoll Tfal u Żgħażagħ. | Chircop |

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 6. | 6 | | Chircop: Ktieb dwar Dun Anġ | Chircop qal li ġie avviċinat mis-Sinjura Doris Zammit minn 24/7 Media peress li tixtieq tuża l-binja tal-Kunsill għat-tnehdija tal-ktieb dwar Dun Anġ Seychell li ser issir fl-14 ta' Marzu. Huma jixtiequ li l-inviti joħorġu bħala Kunsill. Qal li ser jattendu il-President ta' Malta u l-Arċisqof. Ser nitkellmu magħha dwar fiex ser tkun tikkonsisti. | Chircop |

**01. 7.** ***Żejt iż-Żejtun;***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 7 | 1 | | Żejt iż-Żejtun; | Kompliet id-diskussjoni fejn reġgħat inġibdet l-attenzjoni li jekk naraw *stalls* bil-*fast food* isir rapport mill-ewwel. Ser naħdmu wkoll sabiex jinġiebu sponsors u naraw fejn nistgħu inaqqsu l-ispiża. | Viċi-Sindku / Sindku |

**01. 8. Tenders;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 8. | 1 | | Tenders | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li l-irħas offerent informa l-Kunsill li bl-ammont mitfuħ ma' setax jissodisfa l-kuntratt u għalhekk kellu jintagħżel it-tieni offerent bl-ammont ta' €4000 fis-sena għall-tlett snin. | |

**01. 9. Estimi Finanzjarji;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 9. | 1 | | Estimi Finanzjarji: Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-estimi finanzjarji għall-approvazzjoni tal-Kunsill fejn ta' spjega tad-dħul u l-ħruġ kollu kif ukoll ġibed l-attenzjoni li minn dis-sena l-ispiża ser tiżdied b'ammont sinifkanti. Dawn ġew approvati nem.com | Segretarju Eżekuttiv |

**01. 10.** ***Performance Bonuses***

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 10. | 1 | | | Ġew diskussi l-*performance bonuses* tal-ħaddiema klerikali u kien hemm qbil unanimu li għandu jingħata l-massimu lil impjegati kollha. | Segretarju Eżekuttiv |

**01. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Diċembru 2019 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €173.97 | Segretarju Eżekuttiv |

**01 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa f'din is-seduta | |

**01 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Frar fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-

Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv